**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 111/2020**
**Appell Numru 112/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Guma Mohammed**
**Yousef Halef Abdel Hamid**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Guma Mohammed**, detentur tan-Numru tal-Pulizija 19CC-027, u **Yousef Halef Abdel Hamid**, detentur tan-Numru tal-Pulizija 19CC-013, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. volontarjament taw in-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt li wieħed seta' jobsor illi fil-ħin tal-ħruq seta' kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq u dan bi ksur ta' Artikolu 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrendew ruħhom kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar lit-tinda li kienet takkomoda lill-immigranti ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi u dan bi ksur ta' Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, liema ħsara tammonta għal aktar minn 2,500 Euro għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar minn nies jew aktar, miġburin, bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kinitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-miġemgha ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur ta' Artikoli 68(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil

ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputati ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda sabithom ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u tat-tielet (3) imputazzjoni li hija kompriża fit-tieni (2) imputazzjoni u, wara li rat l-Artikoli tal-liġi sabet lill-imputati ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni bħala kompliċi, tat-tielet (3) imputazzjoni kompriża fit-tieni imputazzjoni, tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u kkundannathom għal erba' (4) snin priġunerija kull wieħed. Wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lil kull wieħed mill-ħatja tmint'elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro (€8,691) danni għal sehemhom tal-ħsara li kienet kaġunata minnhom flimkien ma' tmien persuni oħra, liema ħsara kienet tammonta għal sitta u tmenin elf, disa' mija u erbatax-il Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€86,914.69). *In oltre*, l-Ewwel Qorti ordnat lill-Uffiċjal Ewlieni għall-Immigrazzjoni li b'koordinament mad-Direttur Ġenerali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin x'ħin l-imputati jiskontaw is-sentenza ta' priġunerija jitkeċċew mill-ewwel minn Malta u jkunu ripatrijati l-Eġittu fejn iddikjaraw li jgħixu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Guma Mohammed (*a fol.* 157 *et seq.*) ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 157 *et seq.*) fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni,* ***thassaraha u tirrevokaha*** *in kwantu fejn sabitu ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt*

*imputazzjonijiet u għar-raġunijiet suesposti,* ***tilliberah*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tħassaraha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Yousef Halef Abdel Hamid ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni,* ***thassaraha u tirrevokaha*** *in kwantu fejn sabitu ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u għar-raġunijiet suesposti,* ***tilliberah*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tħassaraha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulenti legali tal-appellanti għamlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tibda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ Rikorsi ta' appell tal-appellanti, din il-Qorti tqies li jkun

opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellanti jiġu mixlija quddiem l-Ewwel Qorti in segwitu tar-rewwixta li hija ċ-ċentru ta' din il-kawża.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Joseph Muscat** (*a fol.* 16 *et seq.*) spjega li dakinhar tal-akkadut kien jinsab l-uffiċju fejn ġie nfurmat minn xi uffiċjali li kellhom xi problemi ġo blokk partikolari fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Ħal Safi. Jixhed li sab li kien hemm numru ta' individwi li kienu qed jipprotestaw u jitfgħu xi ġebel u ħadid lejn l-uffiċjali. Għaraf lill-appellant Guma Mohammed bħala dak li baqa' jgara l-ħadid tas-sodod li kienu kissru lejhom u għamel sinjal li kien ser iħanxrilhom għonqhom. Dan kien fit-12 ta' Diċembru 2019. Huwa ra liż-żewġ appellanti flimkien ma' grupp ieħor fejn bdew jgħidulhom *""Issa fire""* (*a fol.* 17). Sakemm Muscat u sħabu telgħu fuq kienet inħarqet it-tinda u kienet saret ħsara kbira. Huwa qal li kien hemm madwar għoxrin (20) jew tnejn u għoxrin (22) ruħ li huwa għaraf bħala r-*ringleaders*. Fil-<u>kontro-eżami</u> huwa qal li ħafna mill-mija u erbgħin (140) ruħ fil-kwartieri ma ridux jipparteċipaw f'atti vjolenti. Huwa ra liż-żewġ appellanti ma' oħrajn waqt li bdew jgħidulhom *""Fire, Fire""* (*a fol.* 20).

  Meta reġa xehed (*a fol.* 69) irrifera għal riċevuti tal-ispejjeż involuti li kien diġa' eżebixxa fi proċeduri oħra u li kellhom x'jaqsmu mal-ħruq tat-tinda. Mid-dokumenti ppreżentati minnu jirriżulta li t-total ta' danni kaġunati kien dak ta' sitta u tmenin elf, disa' mija u erbatax il-Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€86,914.69).

- **Anthony Vidolich** (*a fol.* 22 *et seq.*) qal li waqt ir-rewwixta kien hemm min kien paċifiku waqt li oħrajn kienu aggressivi ħafna. Jgħid li ra liż-żewġ appellanti u li l-appellant Guma Mohammed kien għamel mossi ta' tħanxir. Huwa rahom jiġru 'l ġewwa meta seħħ l-akkadut għaliex it-tinda ħadet in-

nar. Jispega li kien hemm konfużjoni u kienu arrestaw xi ħdax jew tnax-il persuna. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li kien ra lit-tnejn iwaddbu l-ġebel u l-ħadid iżda ma rax min kien qabbad it-tinda. Kienu dawn in-nies l-aktar li għajtu *""Fire""* għalkemm anke l-paċifiċi għajtu *""Fire""* (*a fol.* 25). Ma setax jgħid jekk kienux iż-żewġ appellanti biss li qabbdu t-tinda.

- **Alfred Attard** (*a fol.* 27 *et seq.*) ikkonferma li ż-żewġ appellanti għajtu *""Fire! Fire!""* (*a fol.* 27) liema frażi intużat biex juru li ser iqabbdu n-nar. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li kien hemm *"qisu' ħames ring leaders"* (*a fol.* 28) u li tnejn minnhom kienu l-appellanti. Jgħid li fi proċeduri oħra kien għaraf tlieta oħra.

- **PS 122 Arthur Borg** (*a fol.* 35 *et seq.*) eżebixxa numru ta' ritratti li ħa hu u dawn ġew immarkati bħala Dok. "AB 1" (*a fol.* 37 *et seq.*).

- L-Uffiċjal Prosekutur l-iS**pettur Roderick Attard** (*a fol.* 40 *et seq.* u *a fol.* 66) xehed li kienu ġew arrestati ħdax-il persuna u li sebgħa minnhom kienu ammettew. Huwa eżebixxa numru ta' dokumenti.

- **Jesmond Amato** (*a fol.* 49 *et seq.*) xehed li jaħdem f'Ħal Far *Fire Station* u qal li kienu ssejħu għax kien hemm nar fi Blokk B u meta marru sabu li kien hemm tinda li kienet inħarqet kompletament. Ma setax jgħid biex beda n-nar.

- **Martin Abdilla** (*a fol.* 52 *et seq.*) qal li huwa jaħdem bħala *detention officer* u spjega li ra daħna tiela' minn ġol-bitħa u bil-foga kellu jinżel isfel wara li tinda kienet ħadet in-nar. Huwa ma ra lil ħadd waqt li t-tinda kienet qed taqbad.

**Ikkunsidrat**

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li ż-żewġ Rikorsi tal-appell tal-appellanti huma identiċi.

Illi fl-appelli jingħad li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Abdilla** (Numru 112/2021) din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għas-segwenti:

> "F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbagħad naqraw ukoll[1]:
>
> *"The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a*

[1] Para. D22.15 paġna 1622.

*'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):*

*[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this Court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this Court should not lightly interfere.*

*Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the Court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this Court to interfere in such a case.*

*However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the Court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.""*

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u dan peress li kien

hemm żewġ xiehda kontrastanti bejn żewġ xhieda li kienu fuq il-post fejn filwaqt li Joseph Muscat xehed li ra lill-appellanti deħlin taħt it-tinda, Alfred Attard xehed li ma rax nies għaliex sakemm telgħu raw daħna tielgħa. Jisħqu li l-ebda wieħed ma rahom iqabbad in-nar tat-tinda u li dan jirriżulta minn dak li xehdu Joseph Muscat, Anthony Vidolich u Alfred Attard.

Illi fir-Rikorsi tal-appell tagħhom l-appellanti jgħidu li Muscat u Attard taw verżjonijiet differenti għax filwaqt li Joseph Muscat (*a fol.* 20) qal li ra lill-appellanti jidħlu fit-tinda u *"malli daħlu ġewwa aħna tlajna niġru fuq il-bejt"*, minn naħa l-oħra Alfred Attard xehed hekk: *"Le, le ma rajtx sakemm tlajna jiġifieri lanqas ilħaqna tlajna, rajna daħna tielgħa."*

Illi din il-Qorti ma tara l-ebda diskrepanzi fid-deskrizzjoni mogħtija miż-żewġ uffiċjali in kwistjoni. Jekk kien Joseph Muscat biss li rahom deħlin fit-tinda, ix-xhud l-ieħor ma kellux għalfejn jgħid li rahom deħlin ukoll jekk dan ma rahomx! Imma b'daqshekk m'hemmx kontradizzjoni għaliex għalkemm ix-xhieda jkunu fl-istess post mhux bilfors jaraw l-istess affarijiet u dettalji. Dan jgħodd aktar u aktar f'sitwazzjoni ta' konfużjoni fejn iċ-ċirkostanzi jagħmluha diffiċli biex kull xhud jara l-istess. Għandu jingħad ukoll li jista' jagħmel differenza l-angolu minn fejn wieħed ikun qed jara dak li jkun qed iseħħ.

Illi fl-istess aggravju ż-żewġ appellanti jirreferu wkoll għall-fatt li ħadd mix-xhieda (Joseph Muscat, Anthony Vidolich u Alfred Attard) ma rahom iqabbdu direttament. Din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata, l-appellanti kienu liberati mill-ewwel (1) imputazzjoni u, għalkemm mbagħad instabu ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, minħabba l-liberazzjoni msemmija ma tarax li din il-parti tal-ewwel aggravju timmerita aktar konsiderazzjoni. Għaldaqstant l-ewwel aggravju ta' kull appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa li huma nstabu ħatja bħala kompliċi u hawn għamlu riferenza għal Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –
>
> (a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
>
> (b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
>
> (ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
>
> (d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
>
> (e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."

Illi l-appellanti jargumentaw li sabiex is-sub-paragrafu (d) jew (e) jirriżultaw il-prinċipal irid ikollu il-*mens rea* li timmanifesta ruħha fl-azzjoni u li madanakollu ħadd ma identifikahom bħala dawk li qabbdu t-tinda u ma nġabet ebda prova li huma l-prinċipal. Jisħqu li jirriżultaw dubji serji jekk ġewx ippruvati l-elementi tal-kompliċita' u fir-Rikorsi tal-appell rispettiv tagħhom l-appellanti jagħmlu riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kenneth Camilleri** (Numru 586/12 u 587/12) fejn kien hemm emfażi fuq il-ħtieġa tal-preżenza tal-

*common design* u jgħidu li dan l-element ma kienx ippruvat f'dan il-każ. Jgħidu li hemm dubji dwar jekk huma kienux parteċipi fil-ħruq tat-tinda u allura l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibhom ħatja tal-imputazzjoni in kwistjoni. Jgħidu li hemm mankanti wkoll il-prova dwar min kien l-awtur prinċipali.

Illi dwar l-aggravju in eżami li huwa dwar il-kompliċita' din il-Qorti tinnota li l-fatt li ebda xhud ma identifika lill-appellanti bħala l-persuni li kebbsu n-nar u l-fatt li nġabitx prova ta' min kien il-prinċipal ma jfissirx li l-appellanti ma setgħux jinstabu ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni. Di fatti, din il-Qorti tinnota li l-*common design* jirriżulta bis-sħiħ. Ix-xhieda identifikaw liż-żewġ appellanti bħala li kienu qed jgħajtu *"fire, fire"*' u dwar l-appellant Guma Mohammed, Joseph Muscat indikah bħala li baqa' jgaralhom il-ħadid tas-sodod u jagħmel sinjali li ser jaqtagħlhom għonqhom. Dan ix-xhud ra liż-żewġ appellanti deħlin fit-tinda. Għandu jiġi mfakkar li skont il-Kodiċi Kriminali xhieda ta' xhud wieħed hija biżżejjed għall-prova sakemm dan jitwemmen minn min irid jiġġudika.

Illi jirriżulta li l-appellanti għajtu *"fire, fire"* u hekk seħħ u daħlu fit-tinda u kien hawn li tqabbad in-nar. Da parte tiegħu, l-Avukat Ġenerali (*a fol.* 56) elenka Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala wieħed mill-artikoli li skont hu l-appellanti setgħu jinstabu ħatja tiegħu. Din il-Qorti tqies li f'dan il-każ japplikaw is-sub-paragrafi (d) u (e) ta' Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ben ċar li l-appellanti kienu jafu x'ser isir minn qabel ma ngħata n-nar lit-tinda u li bl-għajjat tagħhom *"fire, fire"* u bil-preżenza tagħhom fit-tinda huma xjentement għenu jew assistew lill-awtur kif ukoll bl-istess għajjat huma xewxu lil ħaddieħor jew saħħew il-volonta' ta' dawk li qabbdu n-nar. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dylan McKay** (Numru 523/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi allura l-appellant li kien preżenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-eżekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-agħar ipotesi bħala kompliċi, billi, kif ingħad, tinġieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna waħda jew aktar. Dan għaliex irid neċessarjament jiġi ippruvat dak li komunement huwa imsejjaħ l-*'common design'* bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuż jirnexxi. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mill-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan għaliex:

> "Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat.[2]"

Illi din il-Qorti analizzat bir-reqqa d-deposizzjonijiet tal-parti leza billi dan kien l-uniku xhud li seta' jitfa dawl fuq dan l-event kriminuż. Issa l-Ewwel Qorti għoġobha tagħti affidament lil dan ix-xhud, għalkemm kif ingħad ix-xiehda tiegħu mhijiex waħda konsistenti. Madanakollu fit-termini tal-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu <u>jekk emnut</u> huwa suffiċjenti."

Illi huma sinifikanti l-eżempji li ġew mogħtija fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ali Mehemed Kreta** (Numru 27/1997) fejn il-Qorti tal-

---

[2] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter** – App. Sup. 14/12/2004.

Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkonfermat li anke l-kompliċita' fil-pussess tad-droga huwa possibbli u qalet hekk:

> "Jekk persuna għandha bżonn post biex taħżen xi droga u persuna xjentement tikri jew tislef post għal dan l-iskop, dik il-persuna tkun għenet jew assistiet lill-awtur tar-reat ta' pussess u għalhekk saret kompliċi skont il-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 9. Issir referenza għall-eżempju mogħti mill-Ewwel Qorti fl-indirizz tagħha (p. 33):
>
> > "Nagħmlu mod jiena per eżempju tajt *lift* lil xi ħadd u naf li dak ix-xi ħadd sejjer f'dak il-post għax taħt ġebla ħa jsib kilo eroina per eżempju għax xi ħadd ħallihielu hemm hekk, jien inkun kompliċi fil-pussess tal-eroina.""

Illi dan l-insenjament japplika għall-każ ta' llum u l-fatt li min fiżikament qabbad in-nar mhux indikat ma jfisser xejn. Dan hu każ ta' rewwixta fejn il-parteċipazzjoni b'mod attiv, speċjalment b'għajta li għandha x'taqsam ma' dak li fil-fatt seħħ u bid-dħul fl-istess post tal-inċident, huwa ppruvat il-*common design* 'l hemm minn kwalunkwe dubju. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibhom ħati tar-raba' (4) imputazzjoni peress li hemm diskrepanza dwar kemm kien hemm persuni nvoluti fl-akkadut. Jisħqu li mix-xiehda ta' Joseph Muscat (*a fol.* 18), Anthony Vidoloch (*a fol.* 23) u Alfred Attard jirriżultaw tliet figuri differenti: tnejn u għoxrin (22) persuna, ħdax (11) jew tnax (12) il-persuna u ħames (5) persuni. Jargumentaw li l-Uffiċjal Prosekutur kien ressaq tmien persuni li f'wieħed minnhom ma kienx hemm il-*prima facie* u s-sebgħa l-oħra ammettew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom. Jgħidu li b'hekk l-ammont jasal

sa disgħa mentri Artikolu 68 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jsemmi għaxra minn nies jew aktar. Jirrimarkaw li l-Ewwel Qorti ssemmi l-figura ta' tmien persuni fid-decide tas-sentenza mogħtija minnha liema numru ma rriżulta minn imkien mill-provi.

Illi Artikolu 68 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"(1) Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati, għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

(2) Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa.

(3) Jekk ir-reat li dik il-ġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel fil-fatt isir, għandhom jiġu mogħtija, jekk il-piena stabbilita għar-reat tkun anqas mill-pieni hawn fuq imsemmija, dawn il-pieni biż-żieda ta' grad; iżda, jekk il-piena li hemm għar-reat tkun akbar minn dawn il-pieni, jew daqshom, għandha tiġi mogħtija dik il-piena biż-żieda ta' grad."

Illi dwar it-tielet aggravju tal-appellanti din il-Qorti tinnota li minn dak li raw ix-xhieda din ma kinitx xi rewwixta ta' erba' minn nies. Ma jfissirx li għax ingħataw numri differenti allura ma teżistix il-prova għaliex minn naħa l-oħra jekk kulħadd jagħti l-istess numru mbagħad jista' jingħad li n-numru huwa miftiehem bejn ix-xhieda. L-inċident ma kienx xi wieħed ħafif u min ikollu responsabilita' tal-post ikun qed jikkonċentra kif ser jikkontrolla folla enormi u mhux li joqgħod jgħodd eżatt kemm kien hemm nies. Biss hemm żewġ xhieda li jagħtu l-figura ta' aktar minn għaxra – tnejn u għoxrin (22) u ħdax (11)/tnax (12). Il-fatt li ma

jkunux tressqu aktar nies ma jfissirx li ma jkunx hemm oħrajn li ħadu sehem fir-rewwixta. Għalhekk jeżistu wkoll it-tmienja minn nies li l-Ewwel Qorti semmiet fid-decide tas-sentenza appellata. Dwar l-ammont tal-ħsara kienu prodotti r-riċevuti taħt ġurament.

Illi din il-Qorti tirreferi għal dak li jinstab f'Russell on Crime (10th. Edition, p. 245) li ġie ċitat b'approvazzjomni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Spiteri** mogħtija fit-18 ta' Lulju 1973 meta ntqal hekk:

> *"If any person encourages or promotes or takes part in riots whether by words, signs or gestures, or by wearing the badge or ensign of the rioters, he becomes a rioter, for in this case all are principals. But mere presence without encouragement is not enough to establish criminality."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżultaw it-tliet elementi ta' Artikolu 68 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta: parteċipazzjoni attiva, ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, bil-ħsieb li tinkiser il-liġi. B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li jirriżultaw diskrepanzi lampanti dwar l-identita' tagħhom, liema diskrepanzi jimmeritaw analiżi stante li s-sentenza ma tistax treġi kontra persuna li l-identita' tagħha mhijiex stabbilita definittivament.

Illi din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1 *et seq.*) filwaqt li l-appellant Guma Mohammed ġie mniżżel li twieled Ramalla fil-Palestina fis-17 ta' Ottubru 1989 u li n-Numru tal-Pulizija tiegħu kien 19CC-027, l-appellant Abdel Hamid huwa ndikat bħala li twieled fit-18 ta' Awwissu 1993 ġewwa Tripoli, il-Libja u li huwa detentur tan-Numru tal-Pulizija 19CC-013. Fir-risposti għall-mistoqsijiet tal-eżami magħmula meta l-appellanti ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li fir-rigward tal-eżami tal-

appellant Abdel Hamid (*a fol.* 7) il-kelma "Libja" ġiet korretta bil-kelma "Eġittu" u fir-rigward tal-eżami tal-appellant Guma Mohammed (*a fol.* 8) il-kelma "Palestina" ġiet korretta bil-kelma "Eġittu".

Illi għandu jiġu nnutat ukoll li matul il-mori tal-kawża, l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Roderick Attard eżebixxa Dok. "RAX 1" (*a fol.* 67) u Dok. "RAX 2" (*a fol.* 68). Dok. "RAX 1" (*a fol.* 67) huwa tal-appellant Guma Mohammed f'liema dokument huwa ndikat li twieled fis-17 ta' Ottubru 1989 ġewwa Ramalla b'missieru Mohammed u ommu Nadia Ranim (kif jidhru fl-istqarrija – Dok. "RAX 2" (*a fol.* 46 *et seq.*) – rilaxxata minnu lill-Pulizija) u li dan għandu ċittadinanza Eġizzjana. F'Dok. "RAX 2" (*a fol.* 68) li huwa tal-appellant Abdel Hamid hemm imniżżel li missieru huwa Halef u ommu Ajaiat, li twieled fi Tripoli fit-18 ta' Awwissu 1993 (kif jidhru fl-istqarrija – Dok. "RAX 1" (*a fol.* 44 *et seq.*) – rilaxxata minnu lill-Pulizija) u li huwa Eġizzjan.

Illi għandu jingħad li l-Ewwel Qorti daħlet f'din il-kwistjoni u rriferiet fit-tul għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Mifsud** (Numru 67/2017) mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2019 minn din il-Qorti diversament preseduta f'liema sentenza l-fatti kienu li waqt li l-imputat kien jismu mod – Charles Mifsud – is-sentenza kienet inħarġet taħt isem Charles Muscat. Ħadd ma kien talab xi tibdil fl-okkju tas-sentenza. L-istess sentenza tal-appell daħlet fil-fond fil-kwistjoni wara li Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sar applikabbli għal-liġi kriminali kif ukoll għall-effetti tal-emendi matul is-sena 2018.

Illi f'dan il-każ din il-Qorti tinnota li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat f'isem "Guma Mohammed" detentur tan-Numru tal-Pulizija 19CC-027 u "Yousef Halef Abdel Hamid" detentur tan-Numru tal-Pulizija 19CC-013. Ħadd ma allega li kien hemm xi tibdil f'dawn in-numri u f'dan il-każ dan kien ikun biżżejjed biex ma jkunx hemm dubju dwar l-identifikazzjoni għaliex dan in-numru jidentifika lill-appellanti. Iżda din il-Qorti qed tikkunsidra wkoll li sa minn meta saru l-mistoqsijiet kien sar tibdil u meta

kienu ppreżentati d-dokumenti uffiċjali kien hemm qbil mija fil-mija (100%) dwar id-dati tat-twelid ta' kull wieħed mill-appellanti. Barra dan, l-appellant Guma Mohammed huwa ndikat bħala mwieled Ramalla kif jidher fiċ-ċitazzjoni waqt li l-appellant Abdel Hamid huwa ndikat li twieled Tripoli kif hemm fiċ-ċitazzjoni. Ma jistax ikun li jkun hemm dawn id-dettalji kollha u jibqa' xi dubju dwar l-identita' tal-appellanti. Dan mhux xi każ fejn appellant ikun jismu "Joseph Borg" u s-sentenza ngħatat fil-konfront ta' "Joseph Gauci". Isegwi li meta din il-Qorti tieħu dan kollu in konsiderazzjoni ma jibqgħalha ebda dubju dwar l-identifikazzjoni ta' kull wieħed mill-appellanti u li għalhekk ir-raba' aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li ma kienx hemm aggravji fuq il-ħames (5) u fuq is-sitt (6) imputazzjoni, liema imputazzjonijiet jemerġu minn Artikoli 338(ee) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-ħames (5) imputazzjoni hija dwar meta persuna tonqos li tobdi ordni mogħtija mill-Pulizija jew mill-awtorita'. Din tirriżulta minħabba li f'ebda ħin ma setgħu l-appellanti jaqbdu jgħajtu *"Fire! Fire!"* u f'ebda ħin ma setgħu jidħlu fit-tinda ma' massa ta' nies biex iwettqu reat. Dwar is-sitt (6) imputazzjoni x-xhieda tal-Prosekuzzjoni xehdu li kien hemm min mill-ewwel għażel li ma jingħaqadx mar-rewwixta. Dawn ikunu nies kwieti u li mhux lesti li jagħmlu xi diżordni. Żgur li hawnhekk japplika Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-ksur tal-paċi pubblika, għaliex l-inkwiet li tqanqal seta' jġib tħassib f'dawk li jkunu marru fil-ġenb biex ma jitħalltux ma' dawk li kellhom intenzjoni li jaqilgħu l-inkwiet. Għalhekk din il-Qorti tqis li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet kienu ppruvati wkoll fil-konfront taż-żewġ appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-aħħarnett l-appellanti talbu li din il-Qorti tvarja l-piena bħala alternattiva għall-ewwel talba tagħhom. Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li t-tielet (3) imputazzjoni bħala kompriża fit-tieni (2) imputazzjoni u kkunsidrat ukoll li l-appellanti nstabu ħatja wkoll tar-raba' (4) imputazzjoni u li l-imputazzjonijiet dwar il-kontravenzjonijiet fil-kuntest tal-inċidenti huma serji u b'hekk din il-Qorti ma tqiesx li għandha tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti kemm fejn ikkundannathom erba' (4) snin priġunerija kull wieħed u fejn ikkundannathom kull wieħed għall-ħlas ta' tmint'elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro (€8,691) danni.

Illi fir-rigward tal-ordni tal-Ewwel Qorti fejn fis-sentenza appellata ordnat lill-Uffiċjal Ewlieni għall-Immigrazzjoni li b'koordinament mad-Direttur Ġenerali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex x'ħin l-appellanti jiskontaw is-sentenza ta' priġunerija jitkeċċew mill-ewwel minn Malta u jkunu ripatrijati l-Eġittu fejn iddikjaraw li jgħixu, din il-Qorti qed tirrevoka din l-ordni tal-Ewwel Qorti u minflok qed tħalli din id-diskrezzjoni f'idejn l-Uffiċċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni skont il-poteri mogħtija lilu bis-saħħa ta' Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew il-Ministru tal-Immigrazzjoni skont Artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu u għal dan il-għan ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-istess Uffiċċjal Ewlieni tal-Imigrazzjoni u l-Ministru tal-Immigrazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Guma Mohammed u mill-appellant Yousef Halef Abdel Hamid u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni bħala kompliċi u tat-tielet (3) imputazzjoni li hija kompriża fit-tieni (2) imputazzjoni, tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u fejn ikkundannathom għal erba' (4) snin priġunerija kull wieħed;

- tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġew ikkundannati kull wieħed tmint'elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro (€8,691) danni għal sehemhom tal-ħsara li kienet kaġunata minnhom;

- tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat lill-Uffiċjal Ewlieni għall-Immigrazzjoni li b'koordinament mad-Direttur Ġenerali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin x'ħin l-appellanti jiskontaw is-sentenza ta' priġunerija jitkeċċew mill-ewwel minn Malta u jkunu ripatrijati l-Eġittu fejn iddikjaraw li jgħixu;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Uffiċċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni u l-Ministru tal-Immigrazzjoni u dana minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**